# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

## Rikors Numru: 255/16 RM

**UNEC Servicing Ltd (C17894)**

**-vs-**

**Saint Angelo Yachting Limited (C71243)**
**u**
**Saint Elmo Yachting Servicing Limited**
**bhala sid tal-bastiment MY Otium (C17894)**

**Illum, 8 ta' Ottubru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjeta` UNEC Servicing Limited fl-14 ta' Ottubru, 2016 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti jhallsuha solidament bejniethom is-somma ta' sebat elef, mitejn u tlieta u hamsin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€7,253.46) rapprezentanti prezz ghal xoghlijiet maghmula mis-socjeta' rikorrenti fuq il-bastiment MY Otium fuq inkarigu taghhom, kif jixhdu l-fatturi annessi mar-rikors u mmarkati bhala Dok. A, Dok. B u Dok. C rispettivament.

Bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura rispettiva u bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar ipprezentat kontestwalment u tal-ittra ufficjali pprezentata ai termini tal-Art. 166A tal-Kap. 12 (Nru.:1353/2016) nhar it-13 ta' Lulju 2016, kontra l-konvenuti, minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tas-socjetajiet Saint Angelo Yachting Limited (C71243) u Saint Elmo Yachting Limited minnhom ipprezentata fil-15 ta' Novembru, 2016 fejn gie eccepit:-

"*1. Illi preliminarjament, lis-socjeta' Saint Elmo Yachting Limited ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju stante illi ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ghaldaqstant mhijiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri;*
*2. Illi fil-mertu u fir-rigward tas-socjeta' Saint Angelo Yachting Limited, t-talbiet tas-socjeta' attrici kif dedotti fil-konfront tas-socjeta' ghandhom jigu respinti fit-totalita' taghhom stante illi l-pretensjonijiet vantati fil-konfront tas-socjeta' esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi x-xoghol ma giex imwettaq skont is-sengha u l-arti kif ser jirrizulta fil-mori ta' dawn il-proceduri u in oltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub mill-kumpanija attrici huwa wiehed ezegerat.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont kif tippermetti l-ligi, u bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici illi minn issa hija ngunta in subizzjoni."*

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' ordni moghti mis-S.T.O. il-Prim'Imhallef b'effett mit-18 ta' Lulju 2018;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemghu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mis-socjeta` attrici waqt l-udjenza tas-26 ta' Frar 2020;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva pprezentata mill-konvenuti fil-31 ta' Lulju 2020;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Is-socjeta` attrici fir-Rikors promotur, qieghda titlob il-hlas tas-somma totali ta' €7,253.46, dovuta skont tliet fatturi mahrugin minnha fit-3 ta' Gunju 2016. Dawn il-fatturi jinsabu esebiti flimkien mar-Rikors promotur bhala Dok. A, Dok. B u Dok. C[1].

Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti. Il-kaptan tal-bastiment MY Otium, Philip James Rawnsley[2], ghan-nom tas-sid tal-bastiment, ikkummissjona lis-socjeta` attrici sabiex twettaq numru ta' xogholijiet ta' manutenzjoni fuq il-bastiment, liema xogholijiet saru f'Mejju 2016. Inharget stima tax-xogholijiet permezz ta' *lump sum* u dan wara li s-socjeta` attrici kkostatat ix-xoghol u materjal li kien mehtieg u l-hin approssimattiv sabiex jitwettaq l-appalt, u din l-istima giet ikkonfermata mill-Kaptan wara li giet approvata mis-sid. Sar ukoll xoghol ta' tiswija fuq *leak*

[1] Fol. 2, 3.
[2] Kunjomu gie indikat erronjament fl-atti bhala "Romsley".

li gie nnutat fis-sistema tal-*hydraulics* tal-bastiment, liema tiswijiet twettqu wara li nghatat stima ulterjuri *ad hoc*.

Gara illi wara li sar ix-xoghol, is-sid tal-bastiment ikkontesta l-kont li gie mahrug skont il-*quotation*, u ried illi jhallas mhux skont l-istima abbazi ta' *lump sum* izda skont il-hin, b'rata fis-siegha. Din ir-rikjesta giet accettata mis-socjeta` attrici bil-hsieb li jigu agevolati l-konvenuti, u konsegwentement baghtet is-*service sheets* relevanti lis-sid u f'korrispondenza li saret fit-12 ta' Lulju 2016[3], indikat l-aggustament li kellu jsir fil-fatturi tax-xogholijiet kwantu ghall-*mano d'opera,* ibbazat fuq is-sighat ta' xoghol mahdum. Gharrfet ukoll lis-sid tal-bastiment illi kien sejjer jinhareg invoice gdid ghall-ammont kif aggustat. Fil-kaz ta' zewg partiti ta' xoghol, l-ammont dovut ghall-*mano d'opera* gie iktar gholi mill-ewwel wiehed u f'kaz ta' partita ohra, l-ammont aggustat irrizulta li kien inqas minn dak iffatturat.

Fost ix-xogholijiet ezegwiti, jirrizulta li s-socjeta` attrici wettqet tiswijiet fuq is-sistema ta' *hydraulics,* u nqalghu l-*isteering cylinders* u *stabiliser cylindiers* u sar manutenzjoni taghhom. Mid-dokumenti esebiti jirrizulta li x-xogholijet saru fis-segwenti dati: fit-12, 16, 18, 19, 20 u 24 ta' Mejju 2016. Mill-atti jirrizulta illi s-socjeta` attrici kienet tohrog *service sheets* ghal kull gurnata li l-haddiema taghha kienu jaghmlu abbord il-bastiment waqt it-twettiq tax-xogholijiet ikkommissjonati, li fihom kienu jaghtu deskrizzjoni qasira tax-xogholijiet li jkunu saru u jnizzlu wkoll in-numru ta' sieghat li jkunu hadmu. Il-Kaptan tal-bastiment kien jiffirma dawn is-*service sheets* biex jikkonferma illi effettivament kienu nhadmu s-sighat ta' xoghol indikati. F'uhud mid-dati li fihom sar xi xoghol abbord il-basitment, is-socjeta` attrici kienet baghtet zewg impjegati biex iwettqu x-xoghol u f'dawn il-kazijiet, hija titlob illi r-rata ta' kull siegha xoghol, tigi applikata ghal kull wiehed miz-zewg impjegati.

[3] Dok. X, fol. 22 *et seq*.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat l-atti u fehmet illi ghalkemm fir-Risposta taghhom il-konvenuti jilqghu ghat-talba ghall-hlas bl-eccezzjoni, fost ohrajn, li x-xoghol ezegwit ma sarx skont is-sengha u l-arti, ma tressqu ebda provi li juru li x-xoghol sar hazin[4]. Ghall-kuntrarju, il-provi juru illi x-xoghol sar tajjeb u utilment u l-bastiment telaq minn Malta u gie lura, minghajr ebda problemi. Kemm hu hekk, mill-provi jirrizulta li l-kontestazzjoni tal-konvenuti ticcentra kwazi esklussivament fuq l-ammont tas-sighat ta' xoghol allegatament mahdumin mis-socjeta` attrici u l-hlas mitlub abbazi ta' dawn is-sighat. Il-konvenut jikkontendu li dawn is-sighat huma eccessivi ghaliex *inter alia* ix-xoghol ikkommisjonat seta' u messu gie ezegwit f'temp ferm iqsar. **Fl-istess waqt izda, jirrizulta li l-konvenuti ma jikkontestawx ir-rata applikata mis-socjeta` attrici ta' €39 ghal kull siegha ta' xoghol[5], u lanqas jikkontestaw il-prezz mitlub ghall-*parts* suppliti**[6].

Dan ifisser illi l-*vexatio quaestio* li ghandha quddiemha l-Qorti hija cirkoskritta bid-determinazzjoni ta' jekk l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici, kwantu ghas-sighat ta' *mano d'opera* fl-ezekuzzjoni effettiv tax-xoghol ikkommissjonat lilha, huwiex dovut.

Madanakollu, qabel xejn il-Qorti trid tistharreg l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti fir-Risposta taghhom, u cioe` illi s-socjeta` Saint Elmo Yachting Limited ghandha tigi liberata mill-osservanza ghaliex m'hijiex il-legittimu kontradittur ghat-talba attrici.

---

[4] B'referenza ghall-"leak" imsemmi fl-email tal-11 ta' Lulju 2016, Dok. X, fol. 22, Philip Rawnsley fisser illi din it-tnixxija ma kellha x'taqsam xejn max-xogholijiet originarjament ikkommissjonati lis-socjeta` attrici skont l-istima tal-20 ta' Mejju 2016. Din it-tnixxija giet identifikata wara li x-xogholijiet tlestew u jirrizulta li saret stima separata fit-3 ta' Gunju 2016 – ara fol. 52 u 53. Ara wkoll kontro-ezami ta' Philip Rawnsley tas-17 ta' Jannar 2019, fol. 120.

[5] Ma' din ir-rata ghandha tizdied it-taxxa fuq il-valur mizjud (VAT).

[6] Vide xhieda tal-Avukat Anthony Galea, fol. 144, u Affidavit tal-Inginier Paul Cardona.

**L-Eccezzjoni tan-Nuqqas ta' Relazzjoni Guridika**

Kif inhuwa risaput, l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' legittimazzjoni passiva necessarjament tistrieh fuq il-karenza ta' kull xorta ta' relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenut li jeccepixxi li m'huwiex il-legittimu kontradittur. Inoltre, l-ezistenza o meno tal-legittimazzjoni passiva ghandha tigi stabbilita b'referenza biss ghall-formulazzjoni tad-domanda attrici kif dedotta in gudizzju, u ghar-rapport bejn il-konvenut u l-fattispecje tal-*causa pretendi* tal-azzjoni proposta mill-attur, minghajr ma jsir accertament fil-mertu u minghajr ghalhekk, tigi takkolta jew respinta d-domanda attrici.

Dan ifisser illi l-Qorti f'dan l-istadju ghandha tillimita ruhha biex tistabbilixxi jekk is-socjeta` konvenuta Saint Elmo Yachting Limited tistax tkun is-soggett ta' pronunzjament gudizzjarju fil-parametri tad-domanda attrici, minghajr ma tiddetermina l-mertu tal-kontroversja. Biex taghmel dan il-Qorti, abbazi tal-provi akkwiziti fl-atti b'rabta ma' din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, trid tiddetermina jekk jezistix rapport guridiku bejn l-attur u s-socjeta` konvenuta Saint Elmo Yachting Limited b'rabta mat-talba ghall-hlas tal-prezz tax-xogholijiet ezegwiti fuq il-basitment MY Otium. Biex tintlaqa' din l-eccezzjoni jrid necessarjament jintwera illi din is-socjeta` ma ghandha ebda rabta guridika kwalsiasi ma' dik attrici.

Il-Qorti tibda biex taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et**[7] deciza fil-5 ta' Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell fejn gie ritenut illi:-

"*Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

[7] Cit. Nru. 1365/92AJM

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited** deciza fid-9 ta'April 2008 mill-Qorti tal-Appell, intqal hekk:-

"*In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika."*

Ikkunsidrat;

Mill-atti jirrizulta illi l-fatturi li l-hlas taghhom qed jintalab f'din il-kawza, inhargu f'isem Saint Angelo Yachting Limited u dan, skont id-direttur tas-socjeta` attrici Gilbert Bonnici, ghaliex dejjem hekk sar fil-kaz ta' xoghlijiet precedenti li saru fuq il-bastiment u kien il-kaptan li kien tahom l-isem. Izda f'kull kaz, ghalkemm ma jirrizultax mill-provi x-xorta ta' relazzjoni li tezisti bejn din is-socjeta` u l-bastiment MY Otium, hu evidenti li s-socjeta` Saint Angelo Yachting Limited taqbel li hija l-legittima kontradittur tat-talba attrici ghaliex l-ewwel eccezzjoni tattakka l-azzjoni attrici biss kwantu din giet diretta fil-konfront tas-socjeta` Saint Elmo Yacthing Limited.

L-isem tas-socjeta` Saint Elmo Yachting Limited ma jissemma mkien fil-fatturi mertu tal-kawza. Madanakollu, hu ovvju[8] li hija proprju l-istess socjeta` Saint Elmo Yachting Limited li hija s-sid registrat tal-bastiment MY Otium li fuqha

[8] Dok. Z, fol. 19.

saru x-xogholijiet kommissjonati lis-socjeta` attrici. Inoltre, ma hemm xejn fl-atti li juri li l-bastiment ma kienx jappartejni lil din is-socjeta` fiz-zmien meta gew kommissjonati x-xogholijiet in kwistjoni lis-socjeta` attrici. Jirrizulta wkoll illi l-istima originali tal-valur tax-xoghlijiet mehtiega, kienet intestata lill-bastiment innfisu[9]. Barra minn hekk, ghalkemm kien Philip Rawnsley, il-kaptan tal-bastiment, li ta l-appalt tax-xoghlijiet in kontestazzjoni lis-socjeta` attrici, hu jghid illi fir-rigward kien qed jagixxi fuq struzzjonijiet tas-sid tal-bastiment. Hu evidenti illi l-istess sid kien approva li dawn ix-xogholijiet jigu kommissjonati lis-socjeta` attrici. Philip Rawnsley xehed hekk fir-rigward[10]:-

"*We listed all the repairs which should have been carried out by this yacht. These were indicated in the winter season and these were carried out together with discussions with the owner, agreed and disagreed and then the final list was agreed, carried out by myself in the sense that I had to organise the various contracts accordingly.*"

Dan jinsab affermat ulterjorment minn Kevin Valentine, impjegat fuq il-bastiment in kwistjoni, li xehed hekk fir-rigward tat-tieni stima:-

"*Jiena ghalhekk bghatt email lill-owner tad-dghajsa u gharraftu bil-problema li kien hemm u qalli biex inkompli naghti struzzjonijiet lil UNEC Servicing Limited biex ikomplu bix-xoghol. Jien kelli ftehim mas-socjeta` attrici sabiex tibghatli kwotazzjoni, stima tax-xoghol li kellu jsir sabiex nifforwardjaha lis-sid.*"

L-involviment tas-sid tal-bastiment fin-negozju li wassal ghall-appalt tax-xogholijiet li saru mis-socjeta` attrici fuq il-bastiment u li taghhom qed jintalab il-hlas fir-Rikors promotur ta' din il-kawza, jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Didier Salavert, li mill-provi jidher li huwa l-beneficcjarju, jew wiehed mill-beneficjarji tal-kumpannija li hija s-sid registrat tal-bastiment. Din il-partecipazzjoni tas-sid tal-bastiment fir-rapport li holoq l-appalt, liema appalt gie kommissjonat, kif rajna, bl-approvazzjoni tal-istess sid, indubbjament inholoq rapport innegabbli bejn is-socjeta` attrici u s-sid registrat tal-bastiment Saint Elmo Yachting

[9] Fol. 49 *et seq*.
[10] Xhieda tal-5 ta' April 2017.

Limited. Jirrizulta illi l-istess Didier Salavert kien involva ruhu wkoll fil-kwistjoni tal-kontijiet li gew eventwalment mahruga mis-socjeta` attrici kif del resto jirrizulta mid-depozizzjoni tieghu f'din il-kawza, u kien ghamel serje ta' lmenti dwar il-prezz mitlub ghax-xogholijiet ezegwiti.

Fl-assjem ta' dawn ir-rizultanzi mill-provi, il-fatt illi l-fatturi nhargu esklussivament f'isem is-socjeta` Saint Angelo Yachting Limited m'huwiex, fil-fehma tal-Qorti, bizzejjed biex jeskludi l-legitimazzjoni passiva tal-konvenuta l-ohra.

Mizmum ferm dak kollu premess, il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenuti ma rnexxilhomx jissodisfaw l-oneru tal-prova li s-socjeta` Saint Elmo Yachting Limited ma kienet dahlet fl-ebda rapport guridiku mas-socjeta` attrici jew li ma ghadx ghandha dan ir-rapport, liema prova kienet mehtiega sabiex tkun mehlusa milli twiegeb ghat-talba ghall-hlas proposta b'din l-istanza[11].

Galadarba huwa stabbilit dan in-ness, jikkonsegwi illi l-istess socjeta` konvenuta giet imharrka korrettement u ghalhekk is-socjeta` attrici ghandha dritt tindirizza t-talba taghha ghall-hlas anke fil-konfront ta' Saint Elmo Yachting Limited li ghalhekk hija legittima kontradittur f'dawn il-proceduri.

Issa jekk dan kollu huwa bizzejjed biex is-socjeta` konvenuta titqies bhala finalment responsabbli ghall-hlas mitlub mis-socjeta` attrici fir-Rikors promotur, hija kwistjoni ohra u kull aspett relattiv ghall-mertu tal-pretensjoni attrici, kien u ghadu impregudikat kif del resto ghadhom impregudikati l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenuti.

Ghaldaqstant, l-ewwel eccezzjoni hi infondata u ser tigi respinta.

[11] **Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et**, deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

**Mertu**

Il-Qorti thoss li ghandha tosserva, qabel xejn, illi **l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici fir-Rikors promotur jirrapprezenta mhux l-ammont aggustat skont komputazzjoni li saret abbazi tas-sighat tax-xoghol indikati fis-*service sheets***, izda l-ammont dovut skont l-istimi li kienu nghataw originarjament. Fil-fatt, it-total tat-tliet fatturi mahrugin fit-3 ta' Gunju 2016, annessi mar-Rikors promotur[12], huwa fis-somma ta' €7,253.46 mitlub fl-istess Rikors, u dawn it-tliet fatturi fihom l-istess cifri li Danilo Overend fl-email tieghu tat-12 ta' Lulju 2016[13] qal li kien sejjer jaggustahom biex jirreflettu l-prezz ghall-*mano d'opera* komputat skont is-sighat attwalment mahduma. **Izda evidentement, ghal xi raguni, dan l-aggustament baqa' ma sarx formalment u l-fatturi baqghu l-istess, tant illi l-hlas mitlub f'din il-kawza huwa tat-total tat-tliet fatturi kif originarjament mahruga**.

Il-Qorti tosserva wkoll illi mill-provi jirrizulta b'mod manifest illi ghalkemm orginarjament, ix-xogholijiet gew ikkommissjonati abbazi tal-istima preventiva li harget is-socjeta` attrici fl-20 ta' Mejju 2016, sussegwentement, wara li x-xoghol tlesta u kienu nhargu l-fatturi fit-3 ta' Gunju 2016 ghall-hlas skont l-istima, sid il-bastiment oggezzjona ghall-hlas ta' *lump sum*, u insista li l-hlas kellu jsir abbazi tas-sighat mahduma. Kif gia` nghad qabel, din ir-rikjesta giet accettata mis-socjeta` attrici li da parti taghha, baghtet is-*service sheets* relevanti lis-sid u f'korrispondenza li saret fit-12 ta' Lulju 2016[14], indikat l-aggustament li kellu jsir fil-fatturi tax-xogholijiet, kwantu ghall-*mano d'opera*, ibbazat fuq is-sighat ta' xoghol mahdum b'rata ta' €39 fis-siegha[15] minflok fuq *lump sum* skont l-istima. Kemm hu hekk, Danilo Overend ghan-nom tas-socjeta` attrici kien gharraf lis-sid tal-bastiment illi kien sejjer jaggusta l-ammonti fil-fatturi sabiex jirriflettu l-

---

[12] Dok. A, Dok. B u Dok. C.
[13] Dok. X, fol. 23, 24.
[14] Dok. X, fol. 22 *et seq*.
[15] Eskluz VAT.

ammont dovut skont is-sighat ta' xoghol mahduma u dan abbazi tas-*service sheets* iffirmat mill-kaptan tal-bastiment.

Il-fatt illi kien intlahaq qbil definittiv bejn il-partijiet illi l-hlas ghall-*mano d'opera* jsir mhux permezz ta' *lump sum* skont il-fattura izda skont kemm inhadmu sighat, huwa indubitat, u jirrizulta manifestament mill-provi.

Gilbert Bonello xehed hekk fir-rigward:-

*"... naf li s-sid ma bediex jaqbel mal-kontijiet u meta wiehed mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici mar jiltaqa' mas-sid biex jara x'kienet il-problema hu beda jallega li ahna kellna naghmlu invoicing skont is-siegha u mhux lump sum. Ahna ghidnielu li jekk xtaq hekk ma kienx problema ghalina u ninvojsjaw bis-siegha u ... ahna baghtnilu kopja tas-service sheets iffirmati mil-kaptan tieghu stess ..."*

Imbaghad Danilo Overend, li kien effettivament iltaqa' mas-sid dwar il-kwistjoni tal-kontijiet, xehed hekk:-

*Nghid li normalment ahna niccargjaw skont kemm tkun il-quotation. L-owner pero` qalli li din kienet quotation u ried ihallas skont il-hin li ghamilna u mhux skont l-istima li konna hrigna. Jiena qbilt mieghu, ergajt mort lura l-ufficcju, ghamiltlu breakdown tal-costs ta' kollox. Fejn kien hemm inqas sighat iccargjajnih inqas pero` fejn kien hemm izjed sighat iccargjajnih izjed."*

Minn dan, ma jista' jkun hemm ebda dubju li l-ftehim finali li jorbot liz-zewg partijiet kontraenti huwa li l-hlas ghax-xogholijiet ezegwiti mis-socjeta` attrici kellu jsir skont is-sighat ta' xoghol mahduma, bir-rata ta' €39 fis-siegha, u mhux permezz ta' *lump sum* skont l-istima originali. **M'huwiex, effettivament, kontestat bejn il-partijiet illi l-intenzjoni taghhom kien illi jibdlu l-ftehim originali li l-hlas isir skont l-istima approvata, ghal wiehed fejn il-hlas kellu jsir skont is-sighat tax-xoghol mahduma.** Galadarba ghalhekk, jirrizulta li

hemm ftehim, dan ghandu jigi osservat ghaliex wara kollox, dan jirrapprezenta l-volonta` tal-partijiet: *pacta sunt servanda*[16].

Ikkunsidrat;

Jirrizulta[17] li x-xoghlijiet ezegwiti mis-socjeta` attrici gew maqsumin fi tliet kategoriji jew "*jobs*":-

- **Stabiliser job (invoice numru 13348)** li huwa mertu tal-fattura Dok. C[18] fl-ammont totali (*parts, labour* u taxxa) ta' €1,820.15.
- **Steering job (invoice numru 13349)** li huwa mertu tal-fattura Dok. A[19] fl-ammont totali (*parts, labour* u taxxa) ta' €4,569.55
- **Hydraulic leak job (invoice numru 13661)** li huwa mertu tal-fattura Dok. B fl-ammont totali (*parts, labour* u taxxa) ta' €863.76.

**Invoice 13348 – Stabiliser Job**

Is-somma mitluba skont din il-fattura, kwantu *mano d'opera* (labour) hija ta' €1,170 minghajr VAT. Mis-*service sheets*[20] li huma relevanti ghal din il-partita xoghol, jirrizulta illi gew mahduma b'kollox 16.25 siegha xoghol izda billi jidher li kien hemm zewg haddiema jahdmu fuq il-bastiment f'daqqa, is-socjeta` attrici tippretendi hlas ghal 32.5 siegha bir-rata ta' €39 fis-siegha. Ghalhekk, jekk wiehed kellu jimxi abbazi tas-sighat attwalment mahduma, skont kif del resto ftiehmu l-partijiet, l-ammont li jkun dovut kwantu ghal *mano d'opera* huwa ta' €1,267.50 u mhux €1,170.

---

[16] Dan il-principju li huwa wiehed fondamentali fl-ligi kuntrattwali, jinsab manifestat fl-Artikolu 992 tal-Kodici Civili li jistipola illi f'materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti.
[17] Dan jirrizulta mill-istima originali a fol. 49, 50, kif ukoll minn Dok. X u mill-fatturi annessi mar-Rikors promotur.
[18] Fol. 3.
[19] Fol. 2.
[20] Fol. 35 u 36.

Is-socjeta` attrici, izda, ghall-finijiet tal-azzjoni odjerna, qieghda titlob il-hlas ghall-*mano d'opera* skont il-fattura u mhux skont is-*service sheets*, cioe` €1,170 pju` VAT. Jirrizulta illi minkejja li Danilo Overend fl-email li baghat lis-sid fil-11 ta' Lulju 2016[21], kien gharrfu li kien sejjer jaggusta l-ammonti fil-fatturi tat-3 ta' Gunju 2016 sabiex jirriflettu l-ammonti komputati skont is-*service sheets* bl-applikazzjoni tar-rata ghal kull siegha xoghol, huwa baqa' ma ghamilx dan l-aggustament. Kemm hu hekk, it-talba tas-socjeta` attrici f'din il-kawza hija, kif diga` stabbilit, ghall-hlas originarjament mitlub fil-fatturi lkoll datati 3 ta' Gunju 2016 u fil-kaz tax-xoghol li sar fuq l-i*stabilisers*, ghall-hlas tal-ammont ta' €1,170 (qabel VAT).

Wara li hasbet dwar din il-materja, il-Qorti tqis illi m'ghandhiex izzid is-somma attwalment mitluba mis-socjeta` attrici f'din il-kawza kwantu ghall-*mano d'opera* ta' din il-partita xoghol. Hija tifhem li galadarba l-istess attrici ddecidiet li titlob espressament il-hlas skont il-fattura u mhux skont il-ftehim raggunt sussegwentement bejn il-partijiet ghall-hlas skont rata fis-siegha ghal kull siegha xoghol effettivament mahduma – avolja jirrizulta li l-ammont dovut skont il-ftehim huwa iktar gholi - hija ghandha titqies li rrinunzjat ghall-eccess li kien ikun altrimenti dovut jekk l-ammont jinhadem abbazi tas-sighat tax-xoghol li gew mahduma. Wara kollox, Danilo Overend innifsu xehed illi ghalkemm il-kont il-gdid, kif aggustat, gie iktar gholi mill-kont originali, il-hlas mitlub mis-socjeta` attrici fir-Rikors promotur, huwa tas-somma ta' €7,253.46[22].

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tas-*service sheet* bin-numru 28848 li hija konnessa mal-fattura 13348 u hija datata 24 ta' Mejju 2016, il-konvenuti jikkontendu illi peress li l-Kaptan Rawnsley ma kienx ser jibqa' jservi bhala kaptan tal-bastiment wara l-21 ta' Mejju 2016, huwa ma kienx prezenti abbord biex jiccertifika li saru x-xogholijiet

[21] Dok. X. fol. 23.
[22] Folo. 55, xhieda tat-22 ta' Frar 2017.

li gew deskritti fis-*service sheet* in kwistjoni. Jikkontestaw ghalhekk il-veracita` tal-kontenut tas-*service sheet* in kwistjoni li hija ffirmata mill-istess Kaptan Rawnsley.

Izda l-Qorti, wara li rat l-atti u x-xhieda tal-Kaptan Rawnsley fir-rigward, m'hijiex konvinta illi meta l-istess Kaptan fl-email tieghu tal-21 ta' Mejju 2016[23] qal li "*my last day on board is Sunday*", dan ifisser illi huwa kien attwalment telaq minn Malta. Kuntrarjament ghal dak li jipprovaw jissuggerixxu l-konvenuti, il-Qorti ma fehmitx illi x-xhud f'dan l-email qal li huwa kien ser isiefer barra minn Malta. Effettivament, waqt id-depozizzjoni tieghu[24], huwa fisser illi l-Hadd kienet l-ahhar gurnata tieghu **bhala kaptan tal-bastiment izda mhux l-ahhar gurnata tieghu fizikament abbord il-bastiment**. Ix-xhud qal ukoll illi baqa' jitla' abbord il-bastiment anke wara l-24 ta' Mejju 2016 u ghalhekk isegwi li din ma kienetx necessarjament l-ahhar gurnata li ghamel abbord il-bastiment. Xehed illi meta qal li l-Hadd hija l-ahhar gurnata tieghu, huwa ried ifisser:-

"*Not physically on board but as a general term of being in charge of everything*".

Il-Qorti fehmet ukoll illi jista' jaghti l-kaz ukoll li d-data tal-24 ta' Mejju 2016 m'hijiex id-data li originarjament kienet miktuba fuq dan is-*service sheet*, liema data jidher li thassret u giet sostitwita bid-data tal-24 ta' Mejju 2016. Din il-konkluzjoni hija konfortata mix-xhieda tal-Kaptan Philip Rawnsley li insista illi l-firma fuq is-*service sheet* in kwistjoni hija tieghu u d-data zgur li ma kienetx imhazzha meta huwa kien iffirmaha. Ix-xhud ikkonferma wkoll illi s-*service sheet* in kwistjoni tikkoncerna l-*leak* li nstab gol-*valve* tal-i*stabilisers* tal-bastiment wara li l-*hydraulic cylinders* izzarmaw izda qabel dawn regghu ntramaw mis-socjeta` attrici. Minn dan, u galadarba x-xhud ikkonferma fl-email tieghu tal-21 ta' Mejju 2016 illi x-xoghol deskritt bhala "*Job 1*" (xoghol fuq

[23] Dok. RM2, fol. 117.
[24] 17 ta' Jannar 2019.

*stabiliser cylinders*) kien lahaq sar, u riafferma dan fid-depozizzjoni tieghu, il-Qorti temmen illi fuq bazi tal-preponderanza tal-provi huwa iktar verosimili illi effettivament, din it-tnixxija kienet tkixxfet qabel l-24 ta' Mejju 2016. Wara kollox, meta wiegeb fil-21 ta' Mejju 2016 ghall-ilment ta' Robert W. Gilson dwar il-hlas ghax-xoghol ta' tiswija tal-leak in kwistjoni, il-Kaptan Rawnsley fl-e-mail Dok. RM2 ikkonferma illi x-xoghol fuq l-i*stabiliser* kien sar:-

"*I have personally been with the technician all week monitoring there [sic. their] work.*"

Ghaldaqstant, filwaqt li gie ppruvat sodisfacjentement li x-xoghol kollu mertu tal-fattura bin-numru 13448, effettivament sar, il-Qorti tqis illi s-somma mitluba fil-fattura ghall-*mano d'opera*, cioe` s-somma ta' €1,170 hija dovuta u ghandha tithallas b'zieda mal-prezz tal-*parts* pju` VAT, u dan fis-somma totali ta' **€1,820.15**.

**Invoice 13349 – Steering Job**

Is-somma mitluba skont din il-fattura, kwantu *mano d'opera* (labour) hija ta' €3,744 minghajr VAT. Mis-*service sheets*[25] li huma relevanti ghal din il-partita ta' xoghol, jirrizulta illi gew mahduma b'kollox erbgha u tletin (34) siegha xoghol izda billi jidher li kien hemm zewg haddiema jahdmu fuq il-bastiment f'daqqa, is-socjeta` attrici tippretendi hlas ghal tmienja u sittin (68) siegha bir-rata ta' €39 fis-siegha. Ghalhekk, jekk wiehed kellu jikkalulka l-hlas dovut abbazi tas-sighat effettivament mahduma, kif wara kollox ftiehmu l-partijiet, l-ammont li huwa dovut kwantu ghal *mano d'opera* huwa ta' €2,652[26] u mhux €3,744 li gie mitlub fil-fattura.

[25] Fol. 27 u 28.
[26] Mhux €3,354 kif indikat fl-email a fol. 23, li jidher li gie komputat erronjament abbazi ta' 86, u mhux 68, siegha xoghol.

Is-socjeta` attrici izda, f'din il-kawza, qieghda titlob il-hlas ghall-*mano d'opera* skont il-fattura/stima cioe` €3,744 pju` VAT, u mhux skont is-*service sheets*. L-ammont mitlub skont il-fattura effettivament ifisser illi s-socjeta` attrici qieghda tippretendi hlas ghal sitta u disghin (96) siegha xoghol minflok ghat-tmienja u sittin (68) siegha li attwalment gew mahduma mill-impjegati taghha fuq il-bastiment u ma mxietx skont il-ftehim finalment milhuq bejn il-partijiet ghall-hlas tax-xogholijiet. Ghalkemm huwa minnu illi l-konvenuti originarjament accettaw li x-xogholijiet in kwistjoni jsiru abbazi ta' *lump sum* skont l-istima preventiva, u dan fis-somma ta' €3,744 kwantu *labour*, il-Qorti tqis, kif diga` ikkonkludiet qabel, illi l-ftehim li ntlahaq bejn il-partijiet kien finalment illi l-hlas isir abbazi tas-sighat ta' xoghol mahdumin skont rata ghal kull siegha ta' xoghol.

Il-Qorti diga` kkonkludiet illi dan il-ftehim ghandu jigi ezegwit, in omagg tal-principju *pacta sunt servanda*, u dan irrispettivament mill-fatt illi dan l-aggustament, ghal ragunijiet li ma jirrizultawx mill-provi, baqa' ma sarx formalment mis-socjeta` attrici u baqghu ma nhargux fatturi ohrajn b'ammonti mahdumin skont il-ftehim milhuq. Ghalhekk l-ammont dovut ghandu jkun ta' €2,652 pju` VAT.

Ikkunsidrat;

Mill-atti jirrizulta illi sid il-bastiment ilmenta[27] illi s-*service sheet* datat 19 ta' Mejju 2016 bin-numru 28846 fost *service sheets*, ohrajn huma foloz minhabba li sekwenzjalment, in-numri ta' dawn is-*service sheets* jigu qabel in-numru ta' *service sheets* relattivament ghal xogholijiet ohrajn ezegwiti fuq il-bastiment **qabel** dik id-data, fosthom is-*service sheet* bin-numru 29066 datat 12 ta' Mejju 2016. Il-kontestazzjoni tal-konvenuti ghalhekk hija illi l-hinijiet indikati f'dawn is-*service sheets*, mhux veru li gew mahduma mill-haddiema tas-socjeta` attrici u illi konsegwentement, il-hlas skont is-siegha m'huwiex dovut.

[27] Ara xhieda ta' Didier Salavert u email Dok. X, datat 12 ta' Lulju 2016, fol. 22.

Fir-rigward, il-Qorti tosserva illi ghalkemm huwa minnu li s-*service sheet* datat 19 ta' Mejju 2016 ma jsegwix - fis-sekwenza numerika - is-*service sheets* ta' xogholijiet li kienu saru f'dati precedenti, dan il-fatt wahdu ma jikkostitwixxix prova li s-*service sheet* huwa fazull u li mhux minnu li gie mahdum ix-xoghol ghall-hin indikat fuq l-istess dokument.

Wara kollox, il-kaptan Philip Rawnsley xehed illi fl-esperjenza professjonali tieghu huwa seta' jiccertifika illi effettivament gew mahdumin l-ammont ta' sighat indikati fuq is-*service sheets* li kienu jigu pprezentati lilu fl-ahhar tal-gurnata tax-xoghol. Insista wkoll li huwa kien jiffirmahom wara li jkun ivverifika fizikament li x-xoghol ikun sar u li jkunu gew mahduma s-sighat indikati. Ghalkemm jghid ukoll illi l-hinijiet f'dak l-istadju ma kienu jfissru xejn ghaliex f'dak l-istadju l-ftehim kien li l-hlas tax-xoghol isir abbazi tal-istima moghtija preventivament, huwa xehed:-

*"... I have no qualms about saying yes, they did spend the hours, a lot more than what was stated in the fixed price contracts cos ours* [hours] *meant nothing. It was a fixed price contract. ... whenever they required anything definitely I used to open up the boat in the morning, see them and so I saw what they were carrying and then at the end of the evening whether they were completed or not we'd go in an then I'd say yes you've done this hours, sign the sheet ...*"[28]

Mistoqsi mill-Qorti biex jafferma jekk kienx jiffirma s-*service sheets* biex jikkonferma illi x-xoghol tal-gurnata kien effettivament sar, ix-xhud wiegeb hekk:-

"*Or to whatever level they'd got to because obviously some of the jobs went over one day."*

Xehed ukoll:-

[28] Xhieda tas-17 ta' Jannar 2019.

"*These service sheets were signed by myself on behalf of the vessel and I recognise my signature on these documents and I can assure the parties that these works were all carried out.*"

Imbaghad, in propositu, Danilo Overend xehed:-

"*Kuljum kont naghmel site visit biex nara x'ikun qed isir, l-andament tax-xoghol. Jien pero` ninsab f'pozizzjoni li nikkonferma s-sighat kollha li saru in konnessjoni max-xogholijiet li qed jigu rikjesti l-hlas taghhom, u dan peress illi s-service sheets gew iffirmati mill-Kaptan.*"

Il-Qorti rati l-atti u tqis li rinfaccjata bix-xhieda kategorika tal-Kaptan Rawnsley, il-konvenuti ma ressqux prova tajba biex fuq bilanc ta' probabbilitajiet, jikkonvincu l-Qorti illi mhux minnu li nhadmu s-sighat ta' xoghol indikati fuq l-imsemmija *service sheets*. Il-konvenuti ma ressqu ebda xhud jew provi ohrajn li juru illi l-haddiema tas-socjeta` attrici ma hadmux dawk is-sighat indikati fis-*service sheets* ghaliex, per ezempju, ma kienux effettivament abbord il-bastiment jew inkella ma kienux qed iwettqu x-xogholijiet kommissjonati fil-hin indikat.

Konformement, il-Qorti tqis illi ghandu jigi applikat dak li ftiehmu l-partijiet u ghaldaqstant, huwa dovut mill-konvenuti s-somma ta' €2,652 kwantu ghall-*mano d'opera*, is-somma ta' €128.50 kwantu ghall-parts, pju` VAT, fl-ammont totali ta' **€3,290.99**.

**Invoice 13661 – Hydraulic Leak**

Din il-fattura tindika l-prezz ta' €702, eskluz VAT, ghall-*mano d'opera* b'rabta mat-tiswija ta' *leak* fil-*hydraulics*, u dan ghal xogholjiet ezegwiti fit-13 u l-15 ta' Gunju 2016 skont kif deskritti fl-istess fattura u fis-*service sheets* relattivi[29]. Dan il-prezz huwa konformi mal-istima li giet moghtija permezz ta' e-mail tat-3 ta' Gunju 2016 lil Kevin Valentine, u l-prezz ta' din il-partita xoghol gie konfermat

[29] Fol. 37 sa 41.

permezz ta' e-mail sussegwenti fl-14 ta' Gunju 2016[30]. Ma jirrizultax mill-atti illi l-istima preventiva ma gietx konfermata da parti tal-konvenuti. Ghall-kuntrarju, Kevin Valentine xehed illi dan meta gie nnotat dan il-*leak* waqt l-ezekuzzjoni tax-xogholijiet fuq il-bastiment mis-socjeta` attrici:-

"*Jiena bghatt email ill-owner tad-dghajsa u gharraftu bil-problema li kien hemm u qalli sabiex inkompli naghti struzzjonijiet lil UNEC Servicing Limited biex ikomplu bix-xoghol. Jiena kelli ftehim mas-socjeta` attrici sabiex tibghatli kwotazzjoni, stima tax-xoghol li kellu jsir biex nifforwardjaha lis-sid. Nghid illi bhala quotation, kienu kwotaw rata bis-siegha.*"[31]

F'kull kaz, kien diga` indikat fl-email tat-3 ta' Gunju illi x-xoghol tat-tiswija tal-*hydraulic leak* wahedha kien jehtieg mhux iktar minn gurnata xoghol, kif fil-fatt gara. Inoltre, kien gie indikat ukoll illi r-rata hija ta' €39 fis-siegha ghal kull *technician* u mkien ma gie eskluz illi ser jintbaghtu zewg technicians. Ghat-tiswija tal-*hydraulic leak*, jirrizulta illi effettivament kienu ntbaghtu zewg technicians fuq il-lant tax-xoghol. Hawnhekk il-Qorti tosserva illi Didier Salavert, is-sid beneficcjali tal-bastiment, xehed huwa stess fir-rigward tal-istima ghat-tiwsijiet in kwistjoni, illi:-

"*… leaks are a bit tricky because until you find out where they come from is difficult to have a final cost. ... I know that until you open the box you can not know for sure how long you will take to repair, that's why you have an estimate, an hourly rate, and the final invoice comes at the exact time spent.*"[32]

Jekk wiehed kellu japplika r-rata fis-siegha ta' €39 ghas-sighat ta' xoghol effettivament mahduma skont kif jirrizulta mis-*service sheets* 29221 u 29215, cioe` total ta' 22 siegha, il-prezz dovut ghall-*mano d'opera* jkun ta' €858 (minghajr VAT). Madanakollu, is-socjeta` attrici qieghda titlob il-hlas ghall-*mano d'opera* skont il-fattura u kwindi skont l-istima li kienet inghata preventivament, cioe` €702 pju` VAT, u mhux skont is-*service sheets*.

[30] Fol. 52 u 53.
[31] Xhieda 24 ta' Mejju 2017.
[32] Kontro-ezami tad-19 ta' Settembru 2019, fol. 101.

Kif diga` nghad b'referenza ghall-fattura 13348, jirrizulta illi minkejja li Danilo Overend fl-e-mail li baghat lis-sid fil-11 ta' Lulju 2016[33] kien gharrfu li kien sejjer jaggusta l-ammonti fil-fatturi sabiex jirriflettu l-ammonti komputati skont is-sighat mahduma bl-applikazzjoni tar-rata ghal kull siegha xoghol, ghal xi raguni dan l-aggustament baqa' ma sarx u kif diga` rajna, is-socjeta` attrici ghall-finijiet ta' din il-kawza u kwantu ghall-*mano d'opera*, qieghda titlob espressament il-hlas tal-ammont skont il-fatturi originali tat-3 ta' Gunju 2016 u mhux skont is-sighat effettivament mahduma.

Il-Qorti tirribadixxi illi m'hijiex sejra zzid is-somma attwalment pretiza mis-socjeta` attrici fil-fatturi li evidentement jifformaw il-bazi tat-talba taghha ghall-hlas, ghaliex kif inghad, hija tifhem illi galadarba talbet il-hlas skont il-fattura meta kienet taf illi dan il-kont kien ser jigi iktar gholi jekk jinhadem skont il-ftehim li l-hlas isir skont is-sighat ta xoghol attwalment mahduma, is-socjeta` attrici ghandha titqies li rrinunzjat ghall-hlas tal-eccess li kien ikun altrimenti dovut skont il-ftehim. Konsegwentement, il-Qorti tqis li l-prezz dovut ghall-*mano d'opera* fil-fattura 13661 ghandu jkun dak il-prezz mitlub fil-fattura li abbazi taghha saret it-talba ghall-hlas fir-Rikors promotur, liema prezz huwa l-istess wiehed li kien diga` kwotat fl-istima preventiva.

Mizmum ferm dan kollu, il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju illi l-ammont li ghandu jithallas mill-konvenuti kwantu l-*mano d'opera* ghas-servizzi oggett tal-fattura 13661, huwa dak indikat fil-fattura fis-somma ta' €702 eskluz VAT u b'hekk it-total dovut skont din il-fattura, huwa s-somma ta' **€863.76**.

Ikkunsidrat;

[33] Dok. X. fol. 23.

B’mod generali u b’referenza ghas-sighat ta’ xoghol indikati fis-*service sheets* kollha prodotti mis-socjeta` attrici relattivament ghall-appalt mertu ta’ din il-kawza, il-Qorti tosserva illi l-konvenuti ma ressqu ebda xhud jew provi ohrajn li juru illi l-haddiema tas-socjeta` attrici ma hadmux dawk is-sighat indikati fis-*service sheets* ghaliex, per ezempju, ma kienux effettivament abbord il-bastiment jew inkella ma kienux qed iwettqu x-xogholijiet kommissjonati fil-hin indikat. Huwa minnu illi x-xhud l-Inginier Paul Cardona xehed illi s-sighat indikati huma eccessivi, izda evidentement huwa wasal ghal din il-konkluzjoni ghaliex fehem illi l-haddiema haduha bil-lajma biex jaghmlu x-xoghlijiet jew is-socjeta` attrici ghandha produttivita` baxxa. Izda mkien ma eskluda illi dawn is-sighat verament gew mahduma. Ghaldaqstant, il-Qorti, partikolarment fid-dawl tax-xhieda mill-iktar konsistenti tal-kaptan Rawnsley[34], tqis illi gie sodisfacjentement ippruvat illi s-sighat indikati fis-*service sheets* prodotti mis-socjeta` attrici gew effettivament mahduma, u ma tqisx illi ghandha tvarja l-ammont komputat skont il-ftehim raggunt mill-partijiet, applikat ir-rata fis-siegha wkoll accettat mill-partijiet, hlief kif diga` premess.

Il-Qorti taghmilha car illi din il-konkluzjoni tghodd ghas-*service sheets* kollha pprezentati mis-socjeta` attrici u mhux dawk biss li gew specifikatament kontestati mill-konvenuti bhala foloz.

Ikkunsidrat ulterjorment;

In konkluzjoni, il-Qorti tqis ukoll illi l-hlas li huwa dovut lis-socjeta` attrici konformement ghal dak hawn fuq premess, ghandu jsir minn dawk l-entitajiet li jaccettaw li ghandhom ihallsu dak li jirrizulta li huwa dovut, u jew li fl-interess u ghall-beneficcju taghhom, saru x-xogholijiet appaltati. F’dan il-kaz, jirrizulta li s-socjeta` attrici harget il-fatturi relattivi f’isem is-socjeta` Saint Angelo Yachting Limited ghaliex hekk giet mitluba taghmel mill-kaptan tal-bastiment. Fil-fatt din

[34] Il-brani relevanti gew citati iktar ‘il fuq.

il-konvenuta m'hijiex qieghda tikkontesta li hija legittima kontradittur ghall-azzjoni attrici u lanqas li ma ghandhiex tkun hi li tigi kkundannata ghall-hlas tal-ammont li jirrizulta li huwa dovut.

Madanakollu, huwa wkoll evidenti illi x-xoghol sar ghall-beneficcju u fl-interess ta' sid il-bastiment li kif gia` stabbilit huwa s-socjeta` Saint Elmo Yachting Limited. Fil-fatt, Dr. Anthony Galea, direttur u rapprezentant taz-zewg socjetajiet konvenuti, xehed illi huwa kien intervjena fil-kwistjoni tal-kontijiet mal-parti l-ohra, ghan-nom tal-beneficjarju tal-kumpannija, Didier Salavert. L-istess Didier Salavert xehed li huwa l-beneficjarju tal-kumpannija li hija s-sid tal-bastiment, u mill-atti jirrizulta li din il-kumpannija hija s-socjeta` Saint Elmo Yachting Limited. Ghalhekk, apparti li huwa ovvju li x-xoghol sar fl-interess tas-sid tal-bastiment, ma jirrizulta minn imkien mill-atti ghaliex il-hlas tal-ammont dovut ma ghandux isir ukoll mis-sid tal-bastiment li wara kollox ilmentat hija stess dwar ix-xogholijiet u oggezzjonat hija stess li thallas l-ammont kollu pretiz mis-socjeta` attrici.

Dan ifisser li z-zewg konvenuti ghandhom jitqiesu, ghar-ragunijiet fuq premessi, bhala kondebituri. Il-Qorti qieset ukoll illi t-transazzjoni ossia negozju mertu ta' din il-kawza jikkoncerna bastiment[35] u b'hekk jitqies bhala att tal-kummerc u wkoll bhala obbligazzjoni kummercjali. Konsegwentement, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 115(1) tal-Kodici tal-Kummerc, isegwi illi l-kondebituri huma obbligati *in solidum.*

Ghaldaqstant, il-hlas tal-ammont dovut lis-socjeta` attrici ghandha ssir miz-zewg konvenuti *in solidum* bejniethom.

[35] Artikolu 5(f) tal-Kodici tal-Kummerc, Kap. 13.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi li filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li s-socjeta` Saint Elmo Yachting Limited hija legittima kontradittur tat-talbiet attrici, tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti safejn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u tilqa' parzjalment it-talba tas-socjeta` attrici billi tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom sabiex ihallsu lill-istess socjeta` attrici s-somma komplessiva ta' hamest elef disa' mija u erbgha u sebghin Euro u disghin centezmu (€5,974.90) ghar-ragunijiet indikati fir-Rikors promotur, bl-imghax mit-3 ta' Gunju 2016 cioe` d-data tal-fatturi li abbazi taghhom intalab il-hlas, u bl-ispejjez kif mitluba jithallsu mis-socjeta` konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**